32001D0506

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tas-26 ta' Ġunju 2001
dwar l-adezzjoni tal-Komunità Ewropea mar-Regolament Nru 104 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-approvazzjoni tal-marki retro-riflettużi għal-vetturi tqal u twal u l-karrijiet tagħhom

(2001/506/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan ta' l-adezzjoni mill-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti li tikkonċerna l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jkunu mmuntati fuq u/jew użati fuq vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għal rikonoxximenti reċiproċi moghtija fuq il-bażi ta' dawk il-preskrizzjonijiet ("Il-Ftehim Rivedut tal-1958") [1], u partikolarment l-Artikolu 3(3) u t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew [2],

Billi:

(1) Il-ħtiġiet standard tar-Regolament Nru 104 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-approvazzjoni tal-marki retro-riflettużi għal vetturi tqal u twal u l-karrijiet tagħhom huwa ntiż biex ineħħi l-barrieri tekniċi għall-kummerċ fil-vetturi bil-magna bejn il-Partijiet Kontrattwanti fir-rigward tal-marki retro-riflettużi u biex jassigura livel għoli ta' sigurtà u protezzjoni ambjentali.

(2) Ir-Regolament Nru 104 kien ġie nnotifikat lill-Partijiet Kontrattwanti u kien daħal fis-seħħ fir-rigward tal-Partijiet Kontrattwanti kollha li ma kienux ippreżentaw avviż tan-nuqqas ta' qbil tagħhom sad-data jew sad-dati speċifikati hemmhekk bħala Regolament miżjud mal-Ftehim Rivedut tal-1958.

(3) Ir-Regolament Nru 104 għandu jkun inkorporat fis-sistema ta' l-approvazzjoni tal-Komunità għall-vetturi bil-magna u għandu għalhekk ikun miżjud mal-leġislazzjoni fis-seħħ fi ħdan il-Komunità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

Il-Komunità Ewropea għandha taderixxi mar-Regolament Nru 104 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-approvazzjoni tal-marki retro-riflettużi għal-vetturi tqal u twal u l-karrijiet tagħhom.

It-test ta' dan ir-Regolament huwa mehmuż hawnhekk [3].

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-26 ta' Ġunju 2001.

Għall-Kunsill

Il-President

T. ÖSTROS

---

[1] ĠU L 346, tas-17.12.1997, p. 78.

[2] Il-kunsens moghti fil-15 ta' Mejju 2001 (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

[3] Dan ir-Regolament għandu jkun ippubblikat fil-futur fil-Ġurnal Uffiċjali.